**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-5 Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena B

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tal-ħames Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex b'fidi ferma nkomplu nwasslu l-messaġġ ta' Kristu lil ħutna l-bnedmin.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġob 7, 1-4.6-7)
Ġob jirrifletti fuq dak li tfisser il-ħajja.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 146 (147), 1-2.3-4.5-6)
Faħħru l-Mulej, li jfejjaq il-qlub maqsuma.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 9. 16-19.22-23)
L-istedina ta' San Pawl hi propju dik li nxandu dak li jgħid Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 1, 29-39)
Ġesù kien ifejjaq lil dak li kienu morda fil-ġisem u fir-ruħ.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
F'dan il-mument tal-offertorju, ejjew ilkoll noffru l-ħidmiet u x-xewqat kollha tagħna għat-tixrid tal-kelma t'Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Aħna rridu nfittxu li nkunu dawl għall-oħrajn, u dan nagħmluh mhux biss bi kliemna, iżda wkoll bl-għemilna. Ejjew f'dan il-mument għażiż nagħtu xhieda ħajja tal-misteru tal-Ewkaristija billi nirċievu lil Alla ħaj fina.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.